# L-Iskeda tal-Eżami tat-Taħdit 2019 – It-Tieni Sessjoni

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Test 1** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 1 u 2 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>**L-ambjent ta' madwarna**<br>**Il-ħin liberu** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Stampa waħda | 3 minuti | studenti 3 u 4 |
| | Taħriġ 4: Staqsini inti | 3 minuti | |
| | | | |
| **Test 2** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 5 u 6 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>**L-annimali fid-dar**<br>**Postijiet ta' nteress** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Stampa waħda | 3 minuti | studenti 7 u 8 |
| | Taħriġ 4: Staqsini inti | 3 minuti | |
| | | | |

# TEST 1

## TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi għadd ta' mistoqsijiet b'mod informali lill-istudenti fuq affarijiet li jinteressawhom bħall-ilbies, it-temp, ir-raħal/il-belt tagħhom, x'jixtiequ jsiru la jikbru u suġġetti oħra li l-interlokutur ikun jaf li jinteressaw lill-istudenti ta' quddiemu.

Importanti li din it-tħejjija sservi biex l-istudenti jħossuhom kunfidenti biex jitkellmu fit-taħriġiet li ġejjin.

---

## TEST 1: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jgħid lil Student A u Student B:**

L-ewwel se jkollna eżerċizzju qasir bin-numri. Ħarsu lejn il-karta.
Kull wieħed/waħda minnkom għandkom żewġ kaxxi bin-numri. Intom tridu tgħiduli x'numri qed taraw.

L-ewwel żewġ kaxxi se naqrahom jien bħala eżempju:

99 (disgħa u disgħin bużżieqa)

335 (tliet mija, ħamsa u tletin bużżieqa)

***jew*** (tliet mija u ħamsa u tletin bużżieqa)

**Lil Student A:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

87 (sebgħa u tmenin bużżieqa)

563 (ħames mija, tlieta u sittin bużżieqa)

***jew*** (ħames mija u tlieta u sittin bużżieqa)

**Lil Student B:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

98 (tmienja u disgħin bużżieqa)

632 (sitt mija, tnejn u tletin bużżieqa)

***jew*** (sitt mija u tnejn u tletin bużżieqa)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***l-ambjent ta' madwarna***."

1. Taħseb li aħna qed nagħtu kas biżżejjed tal-ambjent ta' madwarna? B'liema mod?
2. Meta jkollok tarmi xi ħaġa x'tarmi, taqbad u tarmiha bl-addoċċ? X'tagħmel?
3. X'suġġeriment tagħti biex jagħmel is-sindku tar-raħal, ħalli inti u r-residenti jieħdu ħsieb jew isebbħu l-ambjent tal-lokalità tiegħek?
4. Kif taħseb għandna nieħdu ħsieb il-baħar li jdawwarna, issa li daqt ġej is-sajf?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***il-ħin liberu***."

1. Xi jfisser għalik il-ħin liberu?
2. Kif tqatta' l-ħin liberu tiegħek?
3. Ġieli ħsibt li fil-ħin liberu tiegħek tgħin fil-lokalità tiegħek?
4. Ġieli tajt aktar importanza lill-ħin liberu milli lill-istudju?

## Għall-ambjent kull par idejn jgħin!

L-interlokutur jgħid liż-żewġ studenti:

**"Ħarsu lejn din l-istampa. Wara se nistaqsikom biex tkellmuni fuqha. Tajjeb?"**

L-interlokutur jagħti 5 sekondi lill-istudenti biex iħarsu lejn l-istampa.

Wara jibda jistaqsi l-mistoqsijiet b'mod alternat.

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.

**Lil Student A:** X'qed tara fir-ritratt?

**Lil Student B:** Fejn taħseb li ttieħed dan ir-ritratt?

**Lil Student A:** Hemm xi ħaġa li togħġbok f'dan ir-ritratt? X'jogħġbok fih?

**Lil Student B:** Hemm xi ħaġa li ma togħġbokx? Għaliex?

**Lil Student A:** Għaliex taħseb li ttieħed dan ir-ritratt?

**Lil Student B:** X'taħseb li qed jagħmlu t-tfal tar-ritratt? Għaliex?

**Lil Student A:** X'ħin taħseb li ħaduh dan ir-ritratt? Għaliex?

**Lil Student B:** F'liema żmien tas-sena taħseb li ħadu dan ir-ritratt? Għaliex?



## TEST 1: TAĦRIĠ 4: STAQSINI INTI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**"Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dan ir-ritratt. (*wara 5 sekondi*) In-nies li qed taraw fir-ritratt nafhom sewwa u lest/a nirrispondi l-mistoqsijiet kollha li se tistaqsuni fuq dak li qed taraw. X'tixtiequ tkunu tafu?"**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna jgħid:

**"Tista' tistaqsini dwar..."**

- **il-post fejn qegħdin dawn in-nies**
- **min huma n-nies li qed jidhru fir-ritratt**
- **x'qed jagħmlu dawn in-nies tar-ritratt**
- **il-ħin li ttieħed dan ir-ritratt**
- **għaliex qegħdin hemm in-nies tar-ritratt**
- **min ġibed ir-ritratt**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.



# TEST 2

## TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi għadd ta' mistoqsijiet b'mod informali lill-istudenti fuq affarijiet li jinteressawhom bħall-ilbies, it-temp, ir-raħal/il-belt tagħhom, x'jixtiequ jsiru la jikbru u suġġetti oħra li l-interlokutur ikun jaf li jinteressaw lill-istudenti ta' quddiemu.

Importanti li din it-tħejjija sservi biex l-istudenti jħossuhom kunfidenti biex jitkellmu fit-taħriġiet li ġejjin.

---

## TEST 2: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jgħid lil Student A u Student B:**

L-ewwel se jkollna eżerċizzju qasir bin-numri. Ħarsu lejn il-karta.

Kull wieħed/waħda minnkom għandkom żewġ kaxxi bin-numri. Intom tridu tgħiduli x'numri qed taraw.

L-ewwel żewġ kaxxi se naqrahom jien bħala eżempju:

99 (disgħa u disgħin bużżieqa)

335 (tliet mija, ħamsa u tletin bużżieqa)

***jew*** (tliet mija u ħamsa u tletin bużżieqa)

**Lil Student A:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

74 (erbgħa u sebgħin bużżieqa)

823 (tmien mija, tlieta u għoxrin bużżieqa)

***jew*** (tmien mija u tlieta u għoxrin bużżieqa)

**Lil Student B:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

93 (tlieta u disgħin bużżieqa)

933 (disgħa mija, tlieta u tletin bużżieqa)

***jew*** (disgħa mija u tlieta u tletin bużżieqa)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***l-annimali fid-dar***."

1. Kieku kellek tagħżel annimal biex trabbih id-dar, liema tagħżel u għaliex?
2. Hemm żvantaġġi meta trabbi annimal kbir fid-dar? Jekk iva, liema?
3. Kemm hu importanti għalik li jkollok annimal domestiku? Għaliex?
4. Jekk l-annimal tiegħek ikun ma jiflaħx, x'għandek tagħmel biex tfejqu? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar ***postijiet ta' interess***."

1. Kieku kellek tagħżel bejn il-Belt Valletta u l-Imdina. Liema tagħżel? Għaliex?
2. Min taħseb li jżurhom l-iktar il-postijiet ta' interess f'Malta u Għawdex? Għaliex?
3. Ġieli żort xi post ta' interess? Liema hu? Għid xi ħaġa fuqu?
4. B'liema mod tibqa' tiftakar postijiet ta' interess li żżur?

## TEST 2: TAĦRIĠ 3: STAMPA WAĦDA (3 minuti)

**Għat-tqarwiż!**

L-interlokutur jgħid liż-żewġ studenti:

**"Ħarsu lejn din l-istampa. Wara se nistaqsikom biex tkellmuni fuqha. Tajjeb?"**

L-interlokutur jagħti 5 sekondi lill-istudenti biex iħarsu lejn l-istampa.

Wara jibda jistaqsi l-mistoqsijiet b'mod alternat.

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.

**Lil Student A:** X'qed tara fir-ritratt?

**Lil Student B:** X'qed jagħmlu n-nies tar-ritratt?

**Lil Student A:** Hemm xi ħaġa li togħġbok f'dan ir-ritratt? X'jogħġbok fih?

**Lil Student B:** Hemm xi ħaġa li ma togħġbokx? Għaliex?

**Lil Student A:** Fejn taħseb li ttieħed dan ir-ritratt?

**Lil Student B:** Għaliex taħseb li ttieħed dan ir-ritratt?

**Lil Student A:** X'ħin taħseb li ħaduh dan ir-ritratt? Għaliex?

**Lil Student B:** F'liema żmien tas-sena taħseb li ħadu dan ir-ritratt? Għaliex?



## TEST 2: TAĦRIĠ 4: STAQSINI INTI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**"Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dan ir-ritratt. (*wara 5 sekondi*) In-nies li qed taraw fir-ritratt nafhom sewwa u lest/a nirrispondi l-mistoqsijiet kollha li se tistaqsuni fuq dak li qed taraw. X'tixtiequ tkunu tafu?"**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna jgħid:

**"Tista' tistaqsini dwar..."**

- **il-post fejn qegħdin dawn in-nies**
- **min huma n-nies li qed jidhru fir-ritratt**
- **x'qed jagħmlu dawn in-nies tar-ritratt**
- **il-ħin li ttieħed dan ir-ritratt**
- **għaliex qegħdin hemm in-nies tar-ritratt**
- **min ġibed ir-ritratt**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.

